SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

29 ta' April 2010 *

Fil-Kawża C-102/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mit-Tribunale di Firenze (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Frar 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Marzu 2009, fil-proċedura

**Camar Srl**

vs

**Presidenza del Consiglio dei Ministri**,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, J. Malenovský, T. von Danwitz (Relatur) u D. Šváby, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Frar 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Camar Srl, minn W. Viscardini u G. Donà, avukati,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea minn L. Prete u A. Bordes, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Afrikani u l-Madagaskar assoċjati ma' din il-Komunità, iffirmata f'Yaoundé fl-20 ta' Lulju 1963 (ĠU 1964, 93, p. 1431, iktar 'il quddiem, "l-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé"), u tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 5, dwar il-banana, anness mar-Raba' Konvenzjoni AKP-KEE, iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989 (ĠU 1991, L 229, p. 3, iktar 'il quddiem ir-"Raba' Konvenzjoni ta' Lomé").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' rikors għad-danni ppreżentat minn Camar Srl (iktar 'il quddiem "Camar"), kontra l-Presidenza del Consiglio dei Ministri (Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri) minħabba danni li din il-kumpannija ssostni li hija ġarrbet minħabba ksur tad-dritt Komunitarju allegatament imwettaq mill-Corte suprema di cassazione (Qorti tal-Kassazzjoni).

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-konvenzjonijiet internazzjonali*

3 L-Artikolu 1 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé, li jagħmel parti mit-Titolu I tagħha, intitolat "L-iskambji kummerċjali", jipprovdi:

"Sabiex jippromwovu iktar skambji bejn l-Istati assoċjati u l-Istati Membri, u sabiex isaħħu r-relazzjonijiet ekonomiċi tagħhom u l-indipendenza ekonomika tal-Istati assoċjati u sabiex b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali, il-partijiet kontraenti għolja ftehmu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin li jirregolaw ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4 L-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé jipprovdi:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari previsti mill-konvenzjoni preżenti u b'mod partikolari dawk li jidhru fl-Artikolu 3 iktar 'il fuq, kull parti kontraenti hija pprojbita milli twettaq kull miżura jew prattika ta' natura fiskali interna li tistabbilixxi direttament jew indirettament diskriminazzjoni bejn il-prodotti tagħha u l-prodotti simili li joriġinaw minn partijiet kontraenti oħra." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5 L-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé ġiet issostitwita mill-Konvenzjoni ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Afrikani u l-Madagaskar assoċjati ma' din il-Komunità, iffirmata f'Yaoundé fid-29 ta' Lulju 1969 (ĠU 1970, L 282, p. 2,

iktar 'il quddiem it-"Tieni Konvenzjoni ta' Yaoundé"). L-Artikolu 5 ta' din tal-aħħar jipprovdi, fi kliem kważi identiċi għal dawk tal-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari previsti mill-konvenzjoni preżenti, kull parti kontraenti hija pprojbita milli twettaq kull miżura jew prattika ta' natura fiskali interna li tistabbilixxi direttament jew indirettament diskriminazzjoni bejn il-prodotti tagħha u l-prodotti simili li joriġinaw minn partijiet kontraenti oħra." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 Il-Konvenzjoni AKP-KEE ta' Lomé, iffirmata fit-28 ta' Frar 1975 (ĠU 1976, L 25, p. 2, iktar 'il quddiem "l-Ewwel Konvenzjoni ta' Lomé"), issostitwiet it-tieni Konvenzjoni ta' Yaoundé. Il-punt 1 tal-Protokoll Nru 6, dwar il-banana, anness mal-Ewwel Konvenzjoni ta' Lomé, jipprovdi:

"1. għall-esportazzjonijiet tiegħu tal-banana lejn il-Komunità, l-ebda Stat [tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP)] ma jista' jitqiegħed, f'dak li jirrigwarda l-aċċess għas-swieq u għall-vantaġġi tas-suq, f'sitwazzjoni inqas favorevoli milli kellu preċedentement jew għandu attwalment". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 Bi kliem kważi identiċi, l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 5, dwar il-banana, anness mar-Raba' Konvenzjoni ta' Lomé, jipprovdi:

"Għall-esportazzjonijiet tiegħu tal-banana lejn il-Komunità, l-ebda Stat AKP ma jista' jitqiegħed, f'dak li jirrigwarda l-aċċess għas-swieq u għall-vantaġġi tas-suq, f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik li kien fiha preċedentement jew minn dik li qiegħed fiha attwalment". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8 L-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 4, dwar il-banana, anness mat-Tieni Konvenzjoni AKP-KEE, iffirmata f'Lomé fil-31 ta' Ottubru 1979 (ĠU 1980, L 347, p. 140), u mat-Tielet Konvenzjoni AKP-KEE, iffirmata f'Lomé fit-8 ta' Diċembru 1984 (ĠU 1986, L 86, p. 3), huwa wkoll miktub bi kliem kważi identiċi.

9 Skont l-Artikolu 2(1)(f) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KEE Nru 2/90, tas-27 ta' Frar 1990, dwar il-miżuri tranżitorji validi mill-1 ta' Marzu 1990 (ĠU L 84, p. 2), u skont l-Artikolu 1 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 714/90, tal-5 ta' Marzu 1990, dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 2/90 (ĠU L 84, p. 1), il-Protokoll Nru 5, dwar il-banana, anness mar-Raba' Konvenzjoni ta' Lomé beda japplika mill-1 ta' Marzu 1990.

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

10 Il-Liġi Nru 986/1964, tad-9 ta' Ottubru 1964 (GURI Nru 264, tas-27 ta' Ottubru 1964) stabbilixxiet taxxa nazzjonali fuq il-konsum tal-banana friska. Din il-liġi tħassret bil-Liġi Nru 428/1990, tad-29 ta' Diċembru 1990 (GURI Nru 10, tat-12 ta' Jannar 1991). Matul is-snin, l-ammont ta' din it-taxxa kien żdied progressivament u, fil-mument tat-tneħħija ta' din it-taxxa, kien jammonta għal ITL 525 għal kull kilogramm. F'dak iż-żmien ma kinitx teżisti taxxa fuq il-konsum tal-frott prodott tradizzjonalment fl-Italja.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

11 Camar ikkontestat, fil-kuntest ta' żewġ proċeduri, it-taxxa li nġabret mingħandha skont il-Liġi Nru 986/1964 fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' banana li oriġinat mis-Somalja. Dawn il-proċeduri ngħalqu permezz ta' żewġ sentenzi tal-Corte suprema di cassazione.

12 Fir-rikors sussegwenti tagħha quddiem it-Tribunale di Firenze (Tribunal ta' Firenze), Camar issostni li l-Corte suprema di cassazione kisret id-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari l-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 234 KE, billi ċaħdet ir-rikorsi pprezentati quddiemha mingħajr ma għamlet ċerti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

13 Minn informazzjoni pprovduta minn Camar waqt is-seduta jirriżulta li l-importazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali seħħew wara l-1 ta' Marzu 1990. F'dak iż-żmien il-produzzjoni Taljana tal-banana kienet dgħajfa ħafna, jekk mhux saħansitra ineżistenti.

14 It-Tribunale di Firenze jindika li l-eżami tal-kompatibbiltà tal-Liġi Nru 986/1964 mal-obbligi li jirriżultaw mill-konvenzjonijiet internazzjonali msemmija fil-punti 3 sa 8 ta' din is-sentenza għandu natura preliminari fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-fondatezza tar-rikors għad-danni ppreżentat quddiemu minn Camar. Huwa jqis li dan l-eżami jqajjem kwistjonijiet ta' dritt ikkumplikati li għadhom ma ġewx deċiżi kompletament mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale di Firenze ssospenda l-proċeduri u għamel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé jipprekludi l-introduzzjoni minn Stat Membru ta' taxxa interna fuq banana li toriġina mis-Somalja, li mhijiex applikata għall-banana nazzjonali (li l-produzzjoni tagħha hija kompletament ineżistenti jew irrelevanti) u mhux applikabbli għall-ebda tip ieħor ta' frott nazzjonali?

F'każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti:

2) Il-[Protokoll dwar il-banana] anness mal-Konvenzjoni ta' Lomé li dak iż-żmien kien fis-seħħ jipprekludi l-ġbir ta' taxxa inkompatibbli mal-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé għall-importazzjonijiet fl-Italja ta' banana Somala li saru fl-1990, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-imsemmi protokoll u tal-protokolli analogi annessi mal-Konvenzjonijiet ta' Lomé preċedenti, kif ukoll tal-Artikolu 5 tat-Tieni Konvenzjoni ta' Yaoundé?

F'każ ta' risposta fin-negattiv:

3) Għandu jkun ikkunsidrat li l-Protokolli dwar il-Banana annessi mal-Konvenzjonijiet ta' Lomé pprekludu ż-żidiet ta' taxxa bħat-taxxa Taljana ta' konsum fuq il-banana li toriġina mis-Somalja wara l-1 ta' April 1976 indipendentement mill-effett konkret ta' tali żidiet fuq l-esportazzjoni tal-imsemmija banana?"

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ewwel u t-tieni domandi*

16 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé kienx jipprekludi l-introduzzjoni ta' taxxa bħal dik stabbilita mil-Liġi Nru 986/1964, b'tali mod li, anki wara li l-konvenzjonijiet ta' Yaoundé ma baqgħux japplikaw, taxxa fuq l-importazzjoni tal-

banana li toriġina minn Stat assoċjat ma tistax tinġabar minn Stat Membru skont tali liġi.

17 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi eżaminat, qabel kollox, jekk l-Artikolu 14 kienx jipprekludi l-intaxxar minn Stat Membru, skont liġi bħal-Liġi Nru 986/1964, tal-konsum tal-banana mis-Somalja fiż-żmien meta ġiet introdotta din il-miżura. Għal dan il-għan, hemm lok li tiġi eżaminata l-portata tal-imsemmi Artikolu 14 mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ddeterminat jekk din id-dispożizzjoni għandhiex effett dirett. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-kliem tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi dwar il-portata tal-imsemmi artikolu, b'mod indipendenti mill-effett dirett eventwali tiegħu.

18 Skont l-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé, kull parti kontraenti hija pprojbita milli twettaq kull miżura jew prattika ta' natura fiskali interna li tistabbilixxi direttament jew indirettament diskriminazzjoni bejn il-prodotti tagħha u l-prodotti simili li joriġinaw minn partijiet kontraenti oħra.

19 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-produzzjoni tal-banana fl-Italja kienet minima ħafna, jekk mhux saħansitra ineżistenti, fiż-żmien rilevanti fil-kawża prinċipali u għandha għaldaqstant tiġi mwarrba. Għaldaqstant, in-natura ta' xebh li fuqha hija fondata, skont il-formulazzjoni tagħha, il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé għandha tiġi evalwata fil-konfront tal-frott li jittiekel ta' produzzjoni tipikament nazzjonali fl-Istat Membru kkonċernat (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Mejju 1987, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 184/85, Ġabra p. 2013, punt 8).

20 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi dwar ix-xebh bejn il-banana u l-frott għad-dežerta ieħor ta' produzzjoni Taljana fil-kuntest ta' kawżi li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 95 tat-Trattat KEE (li sar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 95 tat-Trattat KE, li dan stess sar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE). Hija ddeċidiet li dawn iż-żewġ kategoriji ta'

prodotti mhumiex simili fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 95 tat-Trattat KEE peress li għandhom karatteristiċi differenti u ma jissodisfawx l-istess bżonnijiet tal-konsumaturi (ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punti 9 u 10, kif ukoll tas-17 ta' Mejju 1987, Cooperativa Co-Frutta, 193/85, Ġabra p. 2085, punti 17 u 18).

21 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-kwalitajiet organolettiċi kif ukoll il-kontenut tal-ilma tal-imsemmija kategoriji ta' prodotti huma differenti u li l-banana hija kkunsidrata, għall-inqas fis-suq Taljan, bħala prodott tal-ikel partikolarment nutrittiv, li jagħti enerġija u li huwa ferm adegwat sabiex jingħata lit-tfal (sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 10).

22 Camar mhijiex qiegħda tikkontesta din l-evalwazzjoni tal-fatti. Għall-kuntrarju, hija tinvoka argumenti favur interpretazzjoni iktar wiesgħa tal-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé fil-konfront ta' dik li għandha tingħata, fid-dawl tas-sentenzi msemmija iktar 'il fuq, lill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE.

23 Fil-fatt, Camar tqis li l-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi mhux biss taxxa diskriminatorja ta' prodotti simili, iżda wkoll, bħala sunt tad-dispożizzjonijiet tal-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 90 KE, kull forma ta' protezzjoniżmu fiskali indirett favur il-prodotti nazzjonali li jinsabu f'relazzjoni ta' kompetizzjoni mal-prodotti importati. Interpretazzjoni tal-imsemmi Artikolu 14 fis-sens li jippreżumi li l-prodotti importati għandhom l-istess karatteristiċi bħall-prodotti nazzjonali ċċaħħad lil din id-dispożizzjoni minn kull effettività peress li l-prodotti tal-pajjiżi Afrikani previsti mill-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé huma kollha prodotti tropikali, li għandhom karatteristiċi differenti fil-konfront tal-prodotti tal-Istati Membri.

24 Madankollu, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-interpretazzjoni proposta minn Camar ma ssib l-ebda sostenn fil-formulazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni sempliċement tipprovdi projbizzjoni ta' taxxa

diskriminatorja ta' prodotti simili bi kliem simili għal dawk tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE. Skont il-ġurisprudenza li tirrigwarda din id-dispożizzjoni tal-aħħar, huwa stabbilit li l-prodotti simili għal dawk li għalihom hija valida din il-projbizzjoni huma prodotti li għandhom karatteristiċi analogi u li jissodisfaw l-istess bżonnijiet tal-konsumaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punti 9 u 10).

25 Minn dan isegwi li, li kieku l-Komunità u l-Istati Afrikani u l-Madagaskar assoċjati magħha xtaqu jirregolaw il-problema tat-taxxi interni li jirrigwardaw prodotti li mhumiex simili iżda li jinsabu f'relazzjoni ta' kompetizzjoni, huma kienu jadottaw, minflok dispożizzjoni simili biss għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE, dispożizzjoni simili wkoll għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 90 KE (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1995, Chiquita Italia, C-469/93, Ġabra p. I-4533, punt 43).

26 B'hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé proposta minn Camar ma tistax tiġi kkonċiljata mal-kliem ta' dan l-artikolu.

27 Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk il-finalità tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé teħtieġx li l-Artikolu 14 tagħha, minkejja l-kliem limitati tiegħu, jiġi interpretat bħala li jkopri wkoll il-miżuri fiskali interni analogi għal dawk ipprojbiti mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 90 KE.

28 L-ewwel nett, f'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé li tmur lil hinn mit-termini tiegħu mhijiex, b'mod kuntrarju għal dak li ssostni Camar, neċessarja sabiex tiġi assigurata l-effettività tiegħu.

29 Fil-fatt, minn naħa, hemm lok li l-kliem "prodotti simili" ma jiġux interpretati fis-sens li jeħtieġu li l-prodotti jkunu identiċi iżda biss fis-sens li jeskludu l-prodotti li għandhom

karatteristiċi differenti u li ma jissodisfawx l-istess bżonnijiet tal-konsumaturi, hekk kif ġie mfakkar fil-punt 20 ta' din is-sentenza. Minn dan jirriżulta li lanqas il-prodotti tipikament tropikali ma jistgħu jiġu kkunsidrati, b'mod ġenerali, bħala prodotti li mhumiex simili fil-konfront tal-prodotti li joriġinaw mill-Istati Membri.

30 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé jkopri, skont il-kliem tiegħu, il-prodotti li joriġinaw mill-partijiet kontraenti b'mod ġenerali, mingħajr ma jillimita ruħu għall-prodotti tropikali.

31 It-tieni nett, f'kuntest iktar wiesa', għandu jiġi kkonstatat li interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé li tattribwixxi lil dan l-artikolu portata li tinkludi wkoll il-projbizzjoni ta' miżuri fiskali interni bħal dawk previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 90 KE ma tistax tintlaqa'. Fil-fatt, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huma bbażati fuq żewġ għanijiet differenti, b'tali mod li ma jistgħux jiġu ekwiparati permezz tal-interpretazzjoni.

32 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Artikolu 90 KE għandu l-għan li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Istati Membri taħt kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali, permezz tal-eliminazzjoni ta' kull forma ta' protezzjoniżmu li tista' tirriżulta mill-applikazzjoni ta' taxxi interni diskriminatorji fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw minn Stat Membri oħra u li jiżgura n-newtralità perfetta tat-taxxi interni fir-rigward tal-kompetizzjoni bejn il-prodotti nazzjonali u l-prodotti importati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 7).

33 Bl-istess mod, l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet tat-Trattat kif elenkati fl-Artikoli 2 KE, 3 KE u 14 KE, li fosthom jidher, l-ewwel nett, l-istabbiliment ta' suq intern li fih il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital huma żgurati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Frar 1988, Drexl, 299/86, Ġabra p. 1213, punt 24).

34 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-għanijiet li fuqhom huwa bbażat l-Artikolu 90 KE huma nieqsa mill-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1 tagħha, li, bħall-Artikolu 14 tagħha, jagħmel parti mit-Titolu I intitolat "L-iskambji kummerċjali", l-għan ta' din il-konvenzjoni huwa li tippromwovi iktar skambji bejn l-Istati assoċjati u l-Istati Membri, li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet ekonomiċi tagħhom u l-indipendenza ekonomika tal-Istati assoċjati u li b'hekk tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali.

35 Il-konklużjoni li l-għan tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé ma jeżiġix li ssir interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tagħha li tmur lil hinn mill-kliem tiegħu, interpretazzjoni li tattribwixxi lil din id-dispożizzjoni portata analoga għal dik tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 90 KE hija, barra minn hekk, sostnuta mill-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet kważi identiċi għall-imsemmi Artikolu 14 mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' kawżi dwar ftehim intiżi għall-ħolqien ta' sistema ta' kummerċ ħieles. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li dawn id-dispożizzjonijiet jissuġġettaw lill-partijiet kontraenti għal regola ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam fiskali li hija suġġetta biss għall-konstatazzjoni tan-natura simili tal-prodotti kkonċernati minn sistema ta' taxxa partikolari (ara s-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 1982, Kupferberg, 104/81, Ġabra p. 3641, punt 26, kif ukoll tas-17 ta' Lulju 1997, Texaco u Olieselskabet Danmark, C-114/95 u C-115/95, Ġabra p. I-4263, punt 31).

36 Tant hu hekk li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet espressament li l-portata ta' dispożizzjoni ta' ftehim ta' kummerċ ħieles analoga għall-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé hija limitata għall-projbizzjoni ta' taxxa diskriminatorja ta' prodotti simili. Fil-fatt, fir-rigward tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Portugiża, iffirmat fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1972, konkluż u approvat, f'isem il-Komunità, bir-Regolament tal-Kunsill Nru 2844/72, tad-19 ta' Diċembru 1972 (ĠU L 301, p. 164), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 42 tas-sentenza Kupferberg, iċċitata iktar 'il fuq, li n-nuqqas ta' applikazzjoni minn Stat Membru, fuq prodotti li joriġinaw mill-pajjiż terz ikkonċernat, ta' tnaqqis ta' taxxa previst għal ċerti gruppi ta' produtturi jew tipi ta' prodotti ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni fis-sens tal-imsemmi Artikolu 21 jekk fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat ma jeżisti ebda prodott simili li kien effettivament ibbenifika minn dan it-tnaqqis.

37 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé hija limitata, skont il-kliem ta' dan l-artikolu, għall-impożizzjoni ta' taxxa diskriminatorja fuq prodotti simili, u għaldaqstant ma tinkludix il-prodotti li mhumiex simili li jinsabu f'relazzjoni ta' kompetizzjoni.

38 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal qabel, hemm lok li r-risposta għall-ewwel domanda magħmula tkun li l-Artikolu 14 tal-Ewwel Konvenzjoni ta' Yaoundé ma jipprekludix l-impożizzjoni ta' taxxa fuq banana li toriġina mis-Somalja, bħal dik stabbilita mil-Liġi Nru 986/1964.

39 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, m'hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

*Fuq it-tielet domanda*

40 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-applikazzjoni mill-qorti nazzjonali tal-klawżola ta' "standstill" li tinsab fil-protokolli dwar il-banana annessi mal-konvenzjonijiet ta' Lomé tippreżumix eżami tal-effetti konkreti taż-żidiet ta' taxxa bħal dik stabbilita mil-Liġi Nru 986/1964, sabiex tiġi ddeterminata l-kompatibbiltà ta' dawn iż-żidiet ma' tali klawżola.

41 Peress li l-qorti tar-rinviju ma indikatx għal liema konvenzjoni ta' Lomé għandha l-intenzjoni tirriferi, għandu jiġi ddeterminat, qabel kollox, liema waħda mill-erba konvenzjonijiet ta' Lomé għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, mill-informazzjoni pprovduta minn Camar waqt is-seduta jirriżulta li l-importazzjonijiet li huma fl-oriġini tal-ġbir

tat-taxxa kkontestata f'din il-kawża seħħew sussegwentement għall-1 ta' Marzu 1990. Peress li, skont l-Artikolu 2(1)(f) tad-Deċiżjoni Nru 2/90 u skont l-Artikolu 1 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 714/90, il-Protokoll Nru 5, dwar il-banana, anness mar-Raba' Konvenzjoni ta' Lomé beda japplika mill-1 ta' Marzu 1990, hemm għalhekk lok li jsir riferiment għal din il-konvenzjoni tal-aħħar.

42 L-Artikolu 1 tal-imsemmi protokoll jieħu l-forma ta' klawżola ta' "standstill". Din id-dispożizzjoni hija intiża, fi kliem ieħor, sabiex tiżgura l-aċċess tal-banana ġejja minn Stati AKP lejn is-swieq tradizzjonali tagħhom taħt kundizzjonijiet u skont modalitajiet li mhumiex inqas favorevoli minn dawk validi fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tagħha. Madankollu, din il-garanzija ta' aċċess tibbenifika biss lill-banana ġejja mill-Istati AKP sal-massimi tal-kwantitajiet importati meta daħlet fis-seħħ l-imsemmija dispożizzjoni (sentenza Chiquita Italia, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59).

43 L-ewwel tliet konvenzjonijiet ta' Lomé kien fihom kollha klawżola ta' "standstill" ifformulata bi kliem simili għal dawk użati fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 5, dwar il-banana, anness mar-Raba Konvenzjoni ta' Lomé (sentenza Chiquita Italia, iċċitata iktar 'il fuq, punt 62). Peress li l-Ewwel Konvenzjoni ta' Lomé daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 1976, din id-data tikkostitwixxi l-punt ta' referenza għall-applikazzjoni tal-klawżola ta' "standstill" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Chiquita Italia, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63).

44 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk l-importazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali kinux jikkonċernaw banana importata sal-massimu tal-kwantitajiet importati meta daħlet fis-seħħ l-Ewwel Konvenzjoni ta' Lomé, fl-1 ta' April 1976.

45 Fir-rigward, b'mod iktar preċiż, tad-domanda tal-qorti tar-rinviju li tirrigwarda l-eżami li għandu jitwettaq sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà ta' żidiet ta' taxxa

bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali mal-klawżola ta' "standstill" stabbilita fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 5, dwar il-banana, anness mar-Raba' Konvenzjoni ta' Lomé, għandu jiġi kkonstatat li tali żideit jirriżultaw f'żieda fil-prezz tal-banana kkonċernata u, għaldaqstant, f'iktar diffikultajiet għall-kummerċ fis-suq inkwistjoni (sentenza Chiquita Italia, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60). Għaldaqstant, l-eżami ta' tali żieda mill-perspettiva ta' din il-klawżola ta' "standstil" normalment ma jippreżumix l-eżami tal-effetti konkreti ta' din iż-żieda fuq l-importazzjonijiet.

46 Madankollu, fir-rigward tal-ipoteżi, diskussa mill-partijiet, fejn dawn iż-żidiet ikunu intiżi biss sabiex tiġi adattata taxxa bħal dik stabbilita mil-Liġi Nru 986/1964 fil-konfront tal-inflazzjoni, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-imsemmija klawżola ta' "standstill" għandha bħala għan li jiġi evitat li l-esportazzjonijiet tal-banana jitqiegħdu f'pożizzjoni inqas favorevoli fil-konfront tas-sitwazzjoni preċedenti f'dak li jirrigwarda l-aċċess għas-swieq tradizzjonali tagħhom u l-vantaġġi tagħhom f'dawn is-swieq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Chiquita Italia, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63), b'tali mod li hija relatata mas-sitwazzjoni reali fis-swieq.

47 Għaldaqstant, iż-żidiet ta' taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, inkwantu dawn huma limitati għall-aġġustament ta' din it-taxxa fil-konfront tal-inflazzjoni, sabiex tinżamm taxxa effettiva tal-prodott fuq livell kostanti, mhumiex kuntrarji għall-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 5, dwar il-banana, anness mar-Raba' Konvenzjoni ta' Lomé.

48 Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, hemm lok li r-risposta għat-tielet domanda tkun li l-qorti nazzjonali mhijiex marbuta teżamina l-effetti konkreti taż-żidiet ta' taxxa fuq l-importazzjoni tal-banana li toriġina mis-Somalja, bħal dik stabbilita mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-konfront tas-sitwazzjoni preċedenti għall-1 ta' April 1976 sabiex tevalwa l-kompatibbilta ta' dawn iż-żidiet mal-klawżola ta' "standstill" li tinsab fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 5, dwar il-banana, anness

mar-Raba' Konvenzjoni ta' Lomé. Madankollu, żidiet ta' tali taxxa li sempliċement jaġġustawha fil-konfront tal-inflazzjoni mhumiex kuntrarji għal din il-klawżola.

**Fuq l-ispejjeż**

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla), taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Afrikani u l-Madagaskar assoċjati ma' din il-Komunità, iffirmata f'Yaoundé fl-20 ta' Lulju 1963, ma jipprekludix l-impożizzjoni ta' taxxa fuq banana li toriġina mis-Somalja, bħal dik stabbilita mil-Liġi Nru 986/1964, tad-9 ta' Ottubru 1964.**

**2) Il-qorti nazzjonali mhijiex marbuta teżamina l-effetti konkreti taż-żidiet ta' taxxa fuq l-importazzjoni tal-banana li toriġina mis-Somalja, bħal dik stabbilita mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-konfront tas-sitwazzjoni preċedenti għall-1 ta' April 1976 sabiex tevalwa l-kompatibbilta ta' dawn iż-żidiet mal-klawżola ta' "standstill" li tinsab fl-Artikolu 1 tal-**

**Protokoll Nru 5, dwar il-banana, anness mar-Raba' Konvenzjoni AKP-KEE, iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989. Madankollu, żidiet ta' tali taxxa li sempliċement jaġġustawha fil-konfront tal-inflazzjoni mhumiex kuntrarji għal din il-klawżola.**

Firem